Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu għal tqassim ġust u sostenibbli tal-ilma sabiex kulħadd ikollu aċċess indaqs għal din ir-riżorsa vitali.



**Qari**: *Ittra Enċiklika ta' Papa Franġisku* Laudato si' *(28-29) – Mejju 2015*

Bliet kbar, li jiddependu minn riżervi importanti tal-ilma, ibatu minn perjodi ta' nuqqas ta' din ir-riżorsa, li fil-mumenti kritiċi mhux dejjem titqassam tajjeb u mingħajr preferenzi. Il-faqar, fejn jidħol l-ilma pubbliku, insibuh l-aktar fl-Afrika, fejn partijiet kbar tal-popolazzjoni m'għandhomx aċċess fiż-żgur għall-ilma tax-xorb, u jkollhom iġarrbu perjodi ta' nixfa li jagħmlu iżjed diffiċli l-produzzjoni tal-ikel. F'xi pajjiżi hemm reġjuni b'abbundanza ta' ilma, waqt li oħrajn qed ibatu min-nuqqas gravi tiegħu.

Problema pjuttost serja hi dik tal-kwalità ta' ilma disponibbli għall-foqra, li twassal għal ħafna mwiet ta' kuljum. Fost il-foqra spiss insibu mard marbut mal-ilma kkontaminat, fost l-oħrajn dak ikkawżat minn mikro-organiżmi u sustanzi kimiċi. Id-disinterija u l-kolera, li jiġu minn servizzi sanitarji u ħażniet ta' ilma inadegwati, huma fattur sinifikattiv ta' tbatija u ta' mwiet fost it-tfal. L-ilma tal-pjan f'ħafna postijiet hu mhedded mit-tinġis li qed jikkawżaw ċerti attivitajiet ta' tħaffir, biedja u industrija, fuq kollox f'pajjiżi fejn m'hemmx biżżejjed regolamentazzjoni u kontrolli xierqa. U mhux qed ngħidu biss għal dak li jarmu l-fabbriki. Id-deterġenti u l-prodotti kimiċi li jużaw in-nies f'ħafna postijiet tad-dinja għadhom qed jintremew fix-xmajjar, għadajjar u ibħra.

O Alla, Missier il-ħajja, nirringrazzjawk għar-rigal tal-ilma,
li bih tgħajjex lill-ħolqien kollu, issaffi, tfejjaq u tagħti l-ħajja.
Nitolbuk tgħallimna nqisu l-ilma mhux bħala sempliċi kumdità,
iżda bħala rigal tiegħek, rigal li int ridt tagħtih għall-ġid komuni u
li għalhekk għandu jkun disponibbli għal kull persuna.
Mulej, agħtina l-għerf, nitolbuk, sabiex nagħrfu li
l-ilma tajjeb għax-xorb huwa dritt universali,
dritt li ma jistax jiġi miċħud,
u li hu bbażat fuq id-dinjità ta' kull bniedem.

Agħmel li kull persuna, kull familja u kull komunità
ikollha aċċess għal ilma nadif u sigur,
mingħajr diskriminazzjoni, faqar jew sfruttament.
Ħares b'mod speċjali lil dawk li jbatu minħabba n-nixfa,
u lil dawk li jgħixu f'postijiet fejn l-ilma huwa kkontaminat.
Mulej, nitolbuk sabiex tħarishom mill-mard, mill-għatx u mit-tbatija;
ipproteġi lit-tfal, lill-anzjani, lill-morda
u lill-familji kollha li m'għandhomx ilma nadif u sigur.
Mulej, qanqal nitolbuk il-kuxjenza ta' dawk
li għandhom responsabbiltà fuq il-komunitajiet u l-pajjiżi.
Agħtihom l-għerf u l-kuraġġ biex jieħdu deċiżjonijiet ġusti,
biex jipproteġu l-ilma u jiżguraw li kull persuna
jkollha aċċess għal ilma nadif, għax l-ilma huwa
ta' ġid essenzjali għall-ħajja u għad-dinjità tal-bniedem.
Agħmel, Mulej, li l-komunitajiet milquta
jsibu min jagħtihom l-għajnuna u l-kura medika li jkollhom bżonn.
Agħti s-saħħa, nitolbuk, lil dawk li jaħdmu
biex jipprovdu ilma sigur, kura medika
u għajnuna lill-komunitajiet milquta.
Fuq kollox, Mulej, agħtina d-dehen, sabiex ma nniġġsux
il-bjar, ix-xmajjar, l-għadajjar u l-ibħra,
u biex nieħdu ħsieb id-doni tal-ħolqien b'responsabbiltà.
Mulej, nitolbuk sabiex tagħtina l-għajnuna tiegħek
ħalli ma nibqgħux indifferenti quddiem il-problemi
li qed iħabbtu magħhom ħutna fejn hemm in-nuqqas ta' ilma,
fejn hemm it-tniġġis, il-mard u n-nuqqas ta' saħħa.
Ħeġġeġ lill-komunitajiet u lill-ġnus biex jaħdmu flimkien
ħalli ħadd ma jitħalla lura u kull bniedem ikun jista' jgħix b'dinjità.

## KANT

**Qari:** *Ittra Enċikklika ta' Papa Franġisku* Laudato si' *(30) – Mejju 2015*

Waqt li l-kwalità tal-ilma disponibbli dejjem sejra għall-agħar, f'xi postijiet qed tiżdied it-tendenza li wieħed jipprivatizza din ir-riżorsa skarsa, u allura tinbidel f'oġġett ta' negozju suġġett għal-liġijiet tas-suq.

Fir-realtà, l-aċċess għall-ilma nadif u tajjeb għax-xorb hu dritt uman essenzjali, fundamentali u universali, għax minnu jiddependi l-għajxien tan-nies, u għalhekk hu suġġett għat-tħaddim tad-drittijiet umani l-oħra. Din id-dinja għandha dejn soċjali għoli mal-foqra li m'għandhomx aċċess għall-ilma tax-xorb, għax dan ifisser li qed iċċaħħadhom mid-dritt għall-ħajja li għandu l-għeruq tiegħu fid-dinjità inaljenabbli tagħhom. Parti minn dan id-dejn tista' tinfeda b'aktar kontributi ekonomiċi li jfornu ilma nadif u servizzi ta' tisfija tal-ilma għall-popli l-iżjed foqra. Imma l-ħela tal-ilma qed narawh mhux biss fil-pajjiżi żviluppati, imma wkoll f'dawk li għadhom qed jiżviluppaw u għandhom ħażniet kbar tiegħu. Dan ifisser li parti mill-problema tal-ilma hi kwistjoni edukattiva u kulturali, għax m'aħniex konxji biżżejjed minn kemm huma gravi mġibiet bħal dawn f'kuntest ta' nuqqas kbir ta' ugwaljanza.

Nitolbuk, Mulej, sabiex tagħti d-dehen, l-għerf, il-ġustizzja
u l-kuraġġ lill-mexxejja tal-pajjiżi kollha.
Nitolbuk sabiex tagħtihom l-għajnuna tiegħek,
biex jieħdu deċiżjonijiet li jiżguraw aċċess sigur u biżżejjed,
biex b'hekk ikun hawn ilma għal kulħadd,
speċjalment għall-foqra, għall-morda, għat-tfal
u għall-komunitajiet li jbatu min-nixfa u mill-faqar.
Għinhom jifhmu li l-ilma mhuwiex sempliċement merkanzija,
imma ġid komuni u dritt universali marbut
mad-dinjità ta' kull persuna umana.
Agħtihom il-ħeġġa biex jaħdmu b'responsabbiltà u solidarjetà,
biex jinvestu f'infrastruttura tajba,
jipproteġu s-sorsi tal-ilma mit-tniġġis u mill-ħela,
u jiżguraw tqassim ġust u sostenibbli
għall-ġenerazzjoni tal-lum u għal dawk li ġejjin warajna.
Għinhom, Mulej, sabiex ma jaqgħux fit-tentazzjoni
li jħallu l-interessi ekonomiċi ta' ftit nies
jieħdu preċedenza fuq il-ħajja u l-bżonnijiet tal-oħrajn,
speċjalment dawk li jgħixu f'postijiet foqra.
Nitolbuk, Mulej, għallimhom jużaw ir-riżorsi tad-dinja
skont il-ġid komuni, għax l-art, l-ilma u r-riżorsi naturali
huma doni mogħtija minnek lill-familja umana kollha.

Agħti d-dehen Mulej, lill-bnedmin kollha
sabiex ikollhom sens akbar ta' responsabbiltà
biex ma jaħlux u ma jniġġsux l-ilma.

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

Nitolbuk, Mulej, sabiex tagħtina d-dehen biex nagħrfu l-importanza li ma naħlux ilma, ma nniġġsuhx u ma neħduhx bħala fatt garantit.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Għinna, Mulej, fuq kollox biex inkunu solidali ma' dawk li jbatu l-għatx u sabiex niftakru fil-foqra, u nappoġġjaw inizjattivi li jipprovdu ilma u saħħa lill-komunitajiet li m'għandhomx aċċess għall-ilma.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk, Mulej, sabiex tagħtina d-dehen ħalli lkoll inkunu moderati fl-użu tal-ilma, biex ma naħlux ilma, ma nniġġsuhx u nużawh b'għaqal. Ibdel il-qlub tagħna minn kultura ta' indifferenza għal kultura ta' kura tal-ħolqien u rispett lejn ħutna l-bnedmin.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk, Mulej, sabiex tagħti l-għerf lill-mexxejja tal-pajjiżi u lil dawk kollha responsabbli biex jieħdu deċiżjonijiet ġusti, trasparenti u sostenibbli, u biex l-ilma qatt ma jiġi trattat biss bħala kumdità jew mezz ta' profitt.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Il-ġustizzja mal-bnedmin trid tmur flimkien mal-ħarsien tal-ħolqien. L-ilma huwa meħtieġ mhux biss għax-xorb, iżda wkoll għas-saħħa, għall-agrikoltura, għall-industrija u għall-ekosistemi akwatiċi u terrestri. Għinna, Mulej, sabiex nifhmu li meta l-ilma jiġi mniġġes jew moħli, il-ħsara tolqot mhux biss lill-bnedmin tal-lum, iżda wkoll lill-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.